
Illi għalhekk jirriżulta bil-wisq evidenti illi r-rikorrenti qegħdin isofru, u għal żmien twil ilhom isofru, leżjoni

Saliba nomine et vs l-Avukat tal-Istat u John Bezzina' the publication reproduced below was ordered to serve as notification against the respondent Joseph Bezzina of 198, Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Victoria, Gozo, and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the First Hall of the Civil Court

Constitutional Appeal number 13/2025

Kevin Saliba (ID 479394M) on behalf of and in the name of the absentee Mary sive Miriam Portelli (Australian Passport number PA3657909); Geraldine Vella (ID 410168G); Eugenie Saliba (ID 54258G); Antonia sive Ninette Grech (ID 6763G); and Rose Saliba (ID 5942G)

vs

The State Advocate and John Bezzina

Constitutional Application by Kevin Saliba (ID479394M) on behalf of and in the name of the absentee Mary sive Miriam Portelli (Australian passport number PA3657909); Geraldine Vella (ID 410168); Eugenie Saliba (ID 54258G); Antonia sive Ninette Grech (ID 6763G); and Rose Saliba (ID 5942G)

Respectfully submit:

Whereas the applicants are the owners of the commercial premises with official number 14 (previously number 19) in Triq San Ġużepp, Victoria, Gozo;

Whereas the said premises are subject to a controlled lease which commenced long before the year 1995, and the premises are currently being used as a shop by John Bezzina, who is the nephew of the original tenant Emidio Bezzina;

Whereas the rent was originally eleven Maltese lira annually (equivalent to €25.62 annually) and following the amendments to the Civil Code which were introduced by virtue of Act X of 2009 the rent gradually increased in accordance with the law;

Whereas the last rent collected was that for the year 2025 which was in the meagre amount of €80.41 for a full year, as results from the attached copy of a receipt marked Document 'A';

Whereas the current rent is truly outrageous, especially when compared to the rental value that the property is capable of fetching today on the open market, as is evident from the attached expert report marked Document 'B';

Whereas it therefore results very clearly that the applicants are suffering, and have been suffering for a long time, an

tad-drittijiet fondamentali tagħhom minħabba l-fatt li ma kellhomx u ma għandhomx il-kontroll tal-proprjetà tagħhom u jridu bilfors jissokkombu għal din il-kirja forzata fejn il-fond kien u għadu okkupat b'kera irriżorju;

Illi inoltre minkejja li l-emendi introdotti bl-Att X tal-2009 introduċew żieda fil-kera, kjarament fil-każ odjern dan ma għamel l-ebda differenza notevoli fl-adegwatezza tal-ammont tal-kera stante li tant il-kera oriġinali kien baxx li l-kera għadha sal-lum lanqas laħqet il-minimu ta' €185 fis-sena li kien ġie stabbilit għall-fondi residenzjali;

Illi inoltre għad li l-emendi introdotti bl-Att X tal-2009 jistipulaw li fl-2028 il-kirja ma tibqax tiġġedded, xorta waħda sal-lum l-esponenti għadhom obbligati li jġeddu l-kirja u għadhom imċaħħda mill-kontroll effettiv tal-propjetà tagħhom, u s-sitwazzjoni ilha hekk sa minn ħafna qabel l-1987;

Illi dan il-fond kien oriġinarjament proprjetà ta' Ursola Said li mietet fit-22 ta' Diċembru, 1971, u li ħalliet testment tad-19 ta' Marzu, 1964, fl-atti tan-Nutar Dott. Antonio Galea li permezz tiegħu ħalliet b'legat lil Joseph Scicluna l-fond imsemmi, soġġett għall-użufrutt favur oħtha Assunta Bezzina née Said;

Illi b'kuntratt tat-8 ta' Marzu, 1972 (Dokument 'C') fl-atti tan-Nutar Antonio Galea l-imsemmi Joseph Scicluna assenja lil oħtu Rose Saliba hawn rikorrenti n-nofs indiviż tal-istess ħanut, dejjem suġġett għall-użufrutt vita natura durante ta' Assunta Bezzina;

Illi b'hekk il-fond wara t-8 ta' Marzu, 1972, ġie li kien proprjetà ta' Joseph Scicluna u Rose Saliba fi kwota ta' nofs indiviż kull wieħed;

Illi Assunta Bezzina mietet fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1977, u għalhekk l-użufrutt li kienet tgawdi spiċċa;

Illi Joseph Scicluna ġie nieqes nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' April, 1989, u b'testment unica charta pubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Michael Refalo nhar it-tmintax (18) ta' Marzu, 1986, flimkien ma' martu Dolores Scicluna, il-konjuġi Scicluna ħallew b'mod reċiproku l-użu u l-użufrutt tal-beni tagħhom kollha, filwaqt illi nnominaw lill-erba' wliedhom Eugenia Saliba, Geraldine Vella, Antonia sive Ninette Grech u Mary sive Miriam Portelli eredi universali tagħhom fi kwoti indaqs bejniethom;

Illi Dolores Scicluna ġiet nieqsa nhar is-sbatax (17) ta' Awwissu, 2021, u għalhekk l-użufrutt li kienet tgawdi spiċċa;

Illi b'hekk illum il-fond huwa prorpjetà ta' Rose Saliba fi kwota ta' nofs indiviż, filwaqt li Eugenia Saliba, Geraldine

infringement of their fundamental rights due to the fact that they did not have and do not have control of their property and must necessarily succumb to this forced tenancy where the premises were and still are occupied at a meagre rent;

Furthermore, although the amendments introduced by Act X of 2009 introduced an increase in rent, clearly in the present case this did not make any noticeable difference. in the adequacy of the amount of rent, given that the original rent was so low that the rent has still not even reached the minimum of €185 per year that was established for residential properties;

Furthermore, although the amendments introduced by Act X of 2009 stipulate that in 2028 the lease will no longer be renewed, to this day the applicants are still obliged to renew the lease and are still deprived of effective control of their property, and the situation has been like this since long before 1987;

Whereas this property was originally the property of Ursola Said who died on 22nd December, 1971, and who left a will dated 19th March, 1964, in the acts of Notary Dr Antonio Galea by which she bequeathed the said property to Joseph Scicluna, subject to usufruct in favour of her sister Assunta Bezzina née Said;

Whereas by a contract dated 8th March, 1972 (Document 'C') in the records of Notary Antonio Galea the said Joseph Scicluna assigned to his sister Rose Saliba, the applicant herein, the undivided half of the same shop, always subject to the usufruct vita natura durante of Assunta Bezzina;

Whereas, with effect from 8th March, 1972, ownership of the property vested in Joseph Scicluna and Rose Saliba, each holding an undivided one-half share;

Whereas Assunta Bezzina died on the nineteenth (19th) of May, 1977, and therefore the usufruct she enjoyed ended;

Whereas Joseph Scicluna passed away on the twenty-fifth (25th) of April, 1989, and by a unica charta will published in the acts of Notary Doctor Michael Refalo on the eighteenth (18th) of March, 1986, together with his wife Dolores Scicluna, the Scicluna spouses mutually left the use and usufruct of all their assets, while nominating their four children Eugenia Saliba, Geraldine Vella, Antonia sive Ninette Grech and Mary sive Miriam Portelli as their universal heirs in equal shares between them;

Whereas Dolores Scicluna passed away on the seventeenth (17th) of August, 2021, and therefore the usufruct she enjoyed has ended;

Whereas thus today the property is owned by Rose Saliba in an undivided half share, while Eugenia Saliba, Geraldine

Vella, Ninette Grech u Mary sive Miriam Portelli għandhom ottava parti indiviża kull wieħed;

Illi għalhekk għal perijodu konsiderevoli ta' żmien ir-rikorrenti u l-ante kawża tagħhom ġew imċaħħda milli jirċievu kera ġust u raġjonevoli għall-użu tal-fond kummerċjali msemmi;

Illi għaldaqstant l-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kera fil-konfront tal-esponenti u l-ante kawża tagħhom tat vantaġġ konsiderevoli lill-inkwilini billi neħħew il-jedd minn idejn is-sidien li jinnegozjaw b'mod effettiv kera xierqa bħala kumpens dovut għat-tgawdija tal-fond proprjetà tal-esponenti, u kkostringew lill-esponenti jissubixxu impożizzjoni tat-tiġdid tal-kera bi ħlas ta' korrispettiv ferm aktar baxx minn dak li suppost kien dovut lilhom skont il-kundizzjonijiet tas-suq;

Illi b'dan il-mod l-esponenti, inkluż bħala aventi kawża tas-sidien preċedenti, ġew imċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom mingħajr ma ngħataw kumpens xieraq għat-teħid tal-pussess tal-fond inkwistjoni;

Illi għalhekk l-esponenti jħossu li fil-konfront tagħhom ġew miksura d-drittijiet fundamentali tagħhom għat-tgawdija ħielsa tal-proprjetà tagħhom kif protetti bl-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, salv kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna oħra:

1. Tiddikjara li bil-fatti kif premessi u bil-kontinwata okkupazzjoni tal-fond kummerċjali bin-numru uffiċjali 14 (qabel numru 19) fi Triq San Ġuzepp, Ir-Rabat, Għawdex, mingħajr il-ħlas ta' kumpens adegwat u li jirrifletti l-valur tas-suq u bl-applikazzjoni tal-liġijiet li ppermettew it-tiġdid tal-kirja tal-istess fond, ġew vjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti (inkluż għaż-żmien meta l-proprjetà kienet tal-ante kawża tagħhom) kif protetti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319);

2. Tillikwida u takkorda kull kumpens xieraq dovut favur r-rikorrenti għaż-żmien kollu li matulu l-fond surreferit kien okkupati bi vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom u tal-ante kawża tagħhom kif fuq ingħad, kemm dawk morali kif ukoll pekunjarji, u ta' kull telf anċillari soffert minnhom, u tordna lill-intimati jħallsu l-istess kumpens lir-rikorrenti;

3. Tagħti lill-esponenti kull ordni u rimedju ieħor xieraq jew opportun biex tiġi spurgata l-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom hawn lamentata.

Vella, Ninette Grech and Mary sive Miriam Portelli each have an undivided eighth share;

Whereas therefore for a considerable period of time the applicants and their ante causa have been deprived of receiving a fair and reasonable rent for the use of the said commercial premises;

Whereas therefore the application of the rent laws against the applicants and their ante causa gave a considerable advantage to the tenants by removing from the hands of the owners the right to effectively negotiate an appropriate rent as compensation due for the enjoyment of the premises owned by the applicants, and forced the applicants to submit to the imposition of the renewal of the rent with payment of a consideration much lower than what was supposed to be due to them according to market conditions;

Whereas in this way the applicants, including their ante causa by the previous owners, were deprived of the enjoyment of their property without being given adequate compensation for taking possession of the property in question;

Whereas therefore the applicants feel that their fundamental rights to the free enjoyment of their property as protected by Article 1 of the First Protocol to the European Convention on Human Rights have been violated in their case;

Therefore, the applicants respectfully request that this Honourable Court be pleased to, without prejudice to any other appropriate and opportune declaration:

1. Declare that by the facts as stated and by the continued occupation of the commercial premises with official number 14 (previously number 19) in Triq San Ġużepp, Victoria, Gozo, without the payment of adequate compensation reflecting the market value and by the application of the laws which allowed the renewal of the lease of the same premises, violated the fundamental rights of the applicants (including for the time when the property belonged to them ante causa) as protected in Article 1 of the First Protocol to the European Convention on Human Rights (First Schedule to Cap. 319);

2. Liquidate and award all appropriate compensation due in favour of the applicants for the entire period during which the aforementioned premises were occupied in violation of their rights and their ante causa as aforesaid, both moral and pecuniary, and for any ancillary loss suffered by them, and order the respondents to pay the same compensation to the applicants;

3. Grant the applicants any other appropriate or opportune order and remedy to remedy the violation of their fundamental rights complained of herein.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati u bl-inġunzjoni tal-intimati minn issa in subizzjoni.

Dan ir-rikors huwa differit għas-smigħ għal nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju, 2026, fid-9.15 a.m fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Illum 27 ta' April, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

JOHN VELLA
Deputat Reġistratur, Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

With costs against the respondents and with the injunction of the respondents from now on for their oath.

This application is adjourned for hearing on Friday, 8th May, 2026, at 9.15 a.m. in the Gozo Court building, Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo.

This 27th April, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

JOHN VELLA
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1212

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Frar, 2026, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Sede Inferjuri, fl-atti tal-ittra uffiċċjali numru 728/2025 FG fl-ismijiet 'Awtorità tad-Djar kontra Rowena Gili (KI 0057977M)', ippreżentata fir-Reġistru fil-Qorti ta' Għawdex fl-20 ta' Ottubru, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Rowena Gili (karta tal-identità numru 0057977M) bl-indirizz Anastasi Court, Blokk A, Flat 4, Triq is-Santwarju Puniku, Ta' Kerċem, Għawdex – u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Sede Inferjuri

Ittra Uffiċjali numru 728/2025

Lil Rowena Gili (KI 0057977M), Anastasi Court, Blokk A, Flat 4, Triq is-Santwarju Puniku, Ta' Kerċem, Għawdex

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, l-Awtorità tad-Djar hekk kif rappreżentata mill-Avukat Emerson Rizzo Gatt detentur tal-karta tal-identità numru 137801L bil-ġurament tiegħu qed jikkonferma l-kontenut ta' din l-ittra uffiċjali u, jinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' sebat elef, ħames mija u tlettax-il ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€7,513.99), liema somma hija ċerta, likwida u dovuta minnek. Din is-somma tirrappreżenta l-ammont dovut lil mittenti għall-ħlas ta' kirja u kumpens ta' okkupazzjoni tal-fond Anastasi Court, Blokk A, Flat 4, Triq is-Santwarju Puniku, Ta' Kerċem, Għawdex, u ma hemm ebda raġuni għaliex m'għandux isir il-ħlas. Dikjarazzjoni bil-ġurament li tikkonferma dan id-dejn dovut qed tiġi annessa u immarkata bħala Dok. A.

Din il-proċedura qed tiġi addottata wara li inti ġejt interpellat bonarjament diversi drabi biex tħallas iżda xorta bqajt inadempjenti. Għar-raġunijiet fuq imsemmija din it-talba għandha tintlaqa'.

It is hereby notified that by a decree issued on the 25th of February, 2026, by the Court of Magistrates (Gozo), Inferior Jurisdiction, in the acts of judicial letter number 728/2025 FG in the names 'Awtorità tad-Djar against Rowena Gili (ID 0057977M)', filed in the Registry of the Court of Gozo on the 20th of October, 2025, the publication of the extract reproduced below was ordered and this in order to serve as notification against the respondent Rowena Gili (identity card number 0057977M) with address Anastasi Court, Blokk A, Flat 4, Triq is-Santwarju Puniku, Ta' Kerċem, Gozo – and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Court of Magistrates (Gozo) Inferior Jurisdiction

Judicial Letter number 728/2025

To Rowena Gili (ID 0057977M), Anastasi Court, Block A, Flat 4, Triq is-Santwarju Puniku, Ta' Kerċem, Gozo

By this present judicial letter, the Housing Authority as represented by Advocate Emerson Rizzo Gatt holder of identity card number 137801L on oath is confirming the contents of this judicial letter and, calls upon you to pay the sum of seven thousand, five hundred and thirteen euro and ninety nine cents (€7,513.99), which sum is certain, liquid and due by you. This sum represents the amount due to the interpellant for the payment of rent and compensation for the occupation of the premises Anastasi Court, Block A, Flat 4, Triq is-Santwarju Puniku, Ta' Kerċem, Gozo, and there is no reason why payment should not be made. A declaration on oath confirming this debt is being attached and marked as Doc. A.

This procedure is being adopted after you were formally solicited several times to pay but you still remained in default. For the above reasons this request should be granted.

Jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum minn meta tiġi notifikat b'din l-ittra uffiċjali billi tippreżenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, liema rikors jista' jiġi ffirmat u ppreżentat fit-Tribunal minnek stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' avukat jew prokuratur legali, din l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv. Jekk tonqos li tħallas immedjatament se jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra tiegħek inkluż il-ħruġ ta' mandati skont il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-interessi

(iffirmata) l-Avukat Raymond Zammit, LLD
(iffirmata) PL Joeline Pace Cascaldi
21, Vincenti Bldgs, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta

Dok. A

Dikjarazzjoni tal-Avukat Emerson Rizzo Gatt (KI 137801L), Avukat fi ħdan is-Sezzjoni Legali tal-Awtorità tad-Djar li bil-ġurament tiegħu jikkonferma s-segwenti:

1. Illi d-debitriċi Rowena Gili ffirmat ftehim ta' kiri mal-Awtorità tad-Djar datat 8 ta' Frar, 2026, fejn ġiet allokata l-fond Anastasi Court, Blokk A, Flat 4, Triq is-Santwarju Puniku, Ta' Kerċem, Għawdex;

2. Illi d-debitriċi naqset milli taderixxi mal-obbligi tagħha naxxenti mill-kuntratt surreferit, stante illi ma ħallsitx il-kera kif rikjest minnha;

3. Illi minħabba dan in-nuqqas daparti tad-debitriċi, il-kuntratt ta' kera għalaq fis-26 ta' Frar, 2023, u ma ġiex imġedded;

4. Illi minkejja li d-debitriċi ngħatat diversi opportunitajiet sabiex tirregola ruħha, hija xorta waħda baqgħet inadempjenti;

5. Illi ġaladarba d-debitriċi naqset milli tagħmel il-pagamenti kif stipulat u rikjest minnha fl-istess kuntratt ta' kirja surreferit, għandha s-somma ta' €7,513.99, rappreżentanti inkwantu għal €5,316.18 f'arretrati ta' kirja, inkwantu għal €2,197.81 f'kumpens ta' okkupazzjoni, dovuta lill-Awtorità;

6. Illi għaldaqstant qed issir din id-dikjarazzjoni għall-ammont dovut ai termini tal-Artiklu 29, Kapitlu 261 tal-Liġijiet ta' Malta.

(iffirmat) l-Av. Emerson Rizzo Gatt

Din id-dikjarazzjoni ġiet maħlufa minni Nutar sottofirmat illum ____ fi 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana.

(iffirmat) In-Nutar Neil Sciberras, Nutar Pubbliku

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

If you do not reply within thirty (30) days from the service of this judicial letter by filing an application before the Administrative Review Tribunal, which request may be signed and filed in the Tribunal by yourself without the necessity of the signature of a lawyer or legal procurator, this judicial letter shall constitute an executive title. If you fail to pay immediately further procedures will be taken against you including the issuing of warrants according to law.

With costs and interest

(signed) Advocate Raymond Zammit, LLD
(signed) PL Joeline Pace Cascaldi
21, Vincenti Bldgs, Triq id-Dejqa, Valletta

Doc. A

Statement by Advocate Emerson Rizzo Gatt (ID 137801L), Advocate within the Legal Section of the Housing Authority who confirms on oath the following:

1. That the debtor Rowena Gili signed a lease agreement with the Housing Authority dated 8th February, 2026, whereby she was allocated the premises Anastasi Court, Block A, Flat 4, Triq is-Santwarju Puniku, Ta' Kerċem, Gozo;

2. That the debtor failed to abide with her obligations resulting from the contract above mentioned, since she did not pay the rent as demanded of her;

3. That due to this default on the part of the debtor, the lease agreement closed on the 26th of February, 2023, and was not renewed;

4. That despite that the debtor was given various opportunities to regularize herself, she remained in default;

5. That since the debtor failed to make the payments as stipulated and demanded of her in the same lease agreement above mentioned, she has the sum of €7,513.99, representing as for €5,316.18 in arrears of lease, as for €2,197.81 in compensation of occupation, due to the Authority;

6. That thus this declaration is being made for the amount due in terms of Article 29, Cap. 261 of the Laws of Malta.

(signed) Adv. Emerson Rizzo Gatt

This declaration has been attested to by me the undersigned Notary today ___ at 22, Triq Pietro Floriani, Floriana.

(signed) Notary Neil Sciberras, Notary Public

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Illum 30 ta' April, 2026

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

This 30th of April, 2026

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1213

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fit-3 ta' Frar, 2026, fuq talba ta' Raquel Nazartari Romoneda Rodriguez ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lil Darko Romoneda Rodriguez fl-atti ta' Rikors 36/2026JPG fl-ismijiet Raquel Nazartari Romoneda Rodriguez vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors fl-ismijiet Raquel Nazartari Ramoneda Rodriguez (KI 0182264A) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Darko Ramoneda Rodriguez (KI 0182266A) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 36/2026JPG, ppreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fit-30 ta' Jannar, 2026, fejn Raquel Nazartari Ramoneda Rodriguez (KI 0182264A) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex illi a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja s-smigħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kap. 16, sabiex tiġi stabbilita l-esistenza ta' dawk il-kundizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rikorrent: Orion Court, Apt 7BC/ Triq it-Tamar, Qawras, San Pawl il-Baħar

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidhol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joanne Vella Cuschieri, LLD, Duttur tal-Ligi.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 3rd February, 2026, following a request of Raquel Nazartari Ramoneda Rodriguez it was ordered that deputy curators be chosen to represent Darko Ramoneda Rodriguez, in the records of the Application 36/2026JPG, in the names Raquel Nazartari Ramoneda Rodriguez vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application in the names Raquel Nazartari Ramoneda Rodriquez (ID 0182264A) vs Deputy Curators to represent Darko Ramoneda Rodriguez (ID 0182266A), in the records of the Application bearing reference 36/2026JPG, filed in the Civil Court (Family Section), on the 30th January, 2026, the applicant Raquel Nazartari Ramoneda Rodriguez (ID 0182264A) requested this Honourable Court so that in terms of the provisions of Article 66B of Cap. 16 of the Laws of Malta, this Honourable Court, saving the hearing of the parties as contemplated in Article 66C of Cap. 16, in order to establish the existence of those conditions contemplated in the said Article 66B and pronounce the divorce between the parties as contemplated in the said Article 66C.

Applicant: Orion Court, Apt 7BC/ Triq it-Tamar, Qawras, St Paul's Bay

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Joanne Vella Cuschieri, LLD, Doctor of Laws.

Illum 11 ta' Frar, 2026

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 4 ta' Mejju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 11th February, 2026

Registry of the Civil Court (Family Section), today 4th May, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1214

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-26 ta' Marzu, 2026, Rikors numru 299/2026, minn Grezzja sive Grace Muscat et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Grezzja sive Grace Mucat et, mart id-decujus, fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Joseph Muscat iben id-decujus is-suċċessjoni ta' Salvu sive Saviour Muscat, żewġ Grezzja sive Grace Muscat née Borg, bin il-mejtin Joseph Muscat u Maria Lourdes née Falzon, imwieled Ħal Lija, Malta, kien residenti San Pawl il-Baħar, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fit-3 ta' Ġunju, 2024, ta' 78 sena, u li kellu karta tal-identità numru 620545M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 4 ta' Mejju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 26th March, 2026, Application number 299/2026, by Grezzja sive Grace Muscat et, whereby they requested that it be declared open in favour of Grezzja sive Grace Muscat, wife of the decujus, in the quota of one half (1/2) undivided and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Joseph Muscat son of the decujus the succession of Salvu sive Saviour Muscat, husband of Grezzja sive Grace Muscat née Borg, son of the late Joseph Muscat and Maria Lourdes née Falzon, born in Lija, Malta, resided in St Paul's Bay, Malta, and died in Msida, Malta, on the 3rd June, 2024, aged 78, and who held identity card number 620545M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 4th May, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1215

B'digriet tal-24 ta' Settembru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Marzu, 2026, fuq rikors ta' 35° 14° Capital SCC plc (C105417) li taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 7 ta' Lulju, 2026, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Maisonette fil-pjan terran, mingħajr l-arja tiegħu, uffiċjalment numerat mija u ħamsa (105) li qabel kien uffiċjalment numru wieħed u tmenin (81), fi Triq Għajn Dwieli, Raħal Ġdid, sottostanti l-fond bin-numru mija u

By a decree given on the 24th September, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 26th of March, 2026, on the application of 35° 14° Capital SCC plc (C105417) acting on behalf of Cell Couros, Tuesday, 7th July, 2026, at half past eleven in the morning (11:30am), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

The maisonette on groundfloor level, without its airspace, officially numbered one hundred and five (105), previously officially numbered eighty one (81), in Triq Ghajn Dwieli, Raħal Ġdid, underlying the tenement numbered one hundred

tlieta (103), u suġġett flimkien mal-maisonette fl-ewwel sular uffiċjalment numerat mija u tlieta (103), li qabel kien uffiċjalment numerat disgħa u sebgħin (79), fi Triq Għajn Dwieli, għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tlettax-il ewro u sittin ċenteżmu (€13.60), u soġġett għas-servitujiet passivi li joħorġu mill-pożizzjoni fiżika relattiva tiegħu u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u li jmiss min-Nofsinhar mat-Triq Għajn Dwieli, mit-Tramuntana ma' proprjetà industrijali, mil-Lvant ma' proprjetà residenzjali bin-numru mija u sebgħa (107) u mill-Punent ma' proprjetà residenzjali bin-numru mija u wieħed (101) u kif deskritt fl-atti tan-Nutar Dr Maurice Gambin fit-tlieta u għoxrin ta' Marzu, tas-sena elf, disa' mija, sitta u sebgħin (23.03.1976) u stmat li jiswa' mitejn u tletin elf ewro (€230,000).

Il-fond huwa okkupat minn terzi u għal xi żmien kienet titħallas il-kera ta' tlett mija, ħamsa u sittin ewro (€365).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Bonello née Grech Mary (KI 415346M) u l-eredi mhux magħrufa tad-defunt Bonello Ronald (KI 779349M) kif rappreżentati mill-Kuraturi Deputati Dott. Rosemarie Farrugia u PL Gerald Bonello.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 44/2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 4 ta' Mejju, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and three (103), and subject together with the maisonette on the first floor officially numbered one hundred and three (103), which previously was officially numbered seventy nine (79), in Triq Għajn Dwieli, for the annual and perpetual groundrent of thirteen euro and sixty cent (€13.60), and subject to the passive servitudes resulting from its physical relative position, with all its rights and appurtenances, and is bounded on the South with Triq Ghajn Dwieli, North with industrial property, East with residential property numbered one hundred and seven (107) and West with residential property numbered one hundred and one (101), and this as described in the acts of Notary Dr Maurice Gambin dated twenty third of March, of the year nineteen hundred and seventy six (23.03.1976) and is valued at two hundred and thirty thousand euro (€230,000).

This tenement is occupied by third parties and for a period of time, a rent of three hundred and sixty five euro (€365) was paid.

The said tenement is the property of Bonello née Grech Mary (ID 415346M) and the unknown heirs of the deceased Bonello Ronald (ID 779349M) as represented by the Deputy Curators Dr Rosemarie Farrugia u LP Gerald Bonello.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 44/2024.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 4th May, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1216

ARB/C011/2018 – KANĊELLAZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-27 ta' April, 2026, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD), fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

SAGE GAUCI, ta' 27 sena, jaħsel il-karozzi, iben Ersilia xebba Gauci, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-23 ta' April, 1999, residenti f'46, Fl 5, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 141699M.

Il-Qorti ORDNAT IL-KANĊELLAZZJONI u r-revoka contrario imperio tal-Ordni ta' Ffriżar maħruġ fuq l-assi ta' SAGE GAUCI mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Inkjesta Kriminali (il-Maġistrat Dott. Josette Demicoli, LLD) permezz ta' digriet datat 31 ta' Ottubru, 2018, u

ARB/C011/2018 – CANCELLATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 27th April, 2026, given by the Criminal Court (the Hon. Judge Dr Natasha Galea Sciberras, LLD), in the case:

The Republic of Malta

Versus

SAGE GAUCI, 27 years, car wash attendant, son of Ersilia née Gauci, born in Pietà, Malta on the 23rd of April, 1999, residing at 46, Fl 5, Triq Marsamxett, Valletta, and holder of Maltese identity card bearing number 141699M.

The Court ORDERED THE CANCELLATION and the revocation contrario imperio of the Freezing Order issued on the assets of SAGE GAUCI which order was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Josette Demicoli, LLD) by a decree

ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Novembru, 2018, u ddikjarat li l-imsemmi Ordni ta' Ffriżar m'għadux fis-seħħ.

Din in-notifika qed tiġi ppubblikata ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta u ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal- Liġijiet ta' Malta.

Illum 4 ta' Mejju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

dated 31st October, 2018, which was duly published in the Government Gazette of the 6th November, 2018, and declared that the said order is no longer in force.

This notice is being published in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta and in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta

Today 4th May, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1217

ARB/C045/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-26 ta' April, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Marse-Anne Farrugia, LLD). Kumpilazzjoni Numru 2778/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CLAUDIO MALLIA, ta' 44 sena, iben Anthony Mallia u Rita Mallia xebba Cuschieri, imwieled f'Tal-Pietà, Malta, fi-8 ta' Ottubru 1981, u resident f'Bieb A, Flat 7, Triq Sant'Orsola, Il-Belt Valletta, Malta, detentur tal-karta ta' Identità Maltija, bin-numru 557681M.

Il-Qorti qed tordna 'Ordni ta' Qbid u Friżar' u tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-prorpjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil/jew ikunu jmissu lil CLAUDIO MALLIA jew ikunu proprjetà tiegħu, u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli u dan ai termini tal- Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 29 ta' April 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C045/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 26th April, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Marse-Anne Farrugia, LLD). Compilation Number 2778/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

CLAUDIO MALLIA, 44 years, son of Anthony Mallia and Rita Mallia née Cuschieri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 8th October 1981, and residing at Bieb A, Flat 7, Triq Sant'Orsola, Valletta, Malta, and holder of Maltese identity card, bearing number 557681M.

The Court is ordering a 'Seizure and Freezing Order' and is generally sequestering, in the hands of third parties, all monies and movable property that are owed to and/or belong to CLAUDIO MALLIA or are his property, and is prohibiting the accused from transferring, pledging, mortgaging, or otherwise disposing of any movable or immovable property, in accordance with Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the Court order mentioned in Article 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 29th April 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603